TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. Atem

Seduta tat-Tlieta 5 ta' Jannar 2016

Avviz Nru 40/2015

Go Plc

Vs

Alan John Shand

It-Tribunal,

Ra' l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet illi l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma mitejn u hamsa u disghin ewro u sitt u disghin centezmu (€ 295.96) import ta' servizzi ta' telekommunikazzjoni. Dan bl-ispejjez kollha.

Ra' illi l-konvenut gie notifikat b'dan l-avviz permezz tal-procedura tal-publikazzjoni u affissjoni. Il-konvenut ma prezenta qatt risposta.

Ra' illi fis-seduti ta' wara tali notifika il-konvenut ma deherx.

Ra' u sema l-provi mressqa u ra' d-dokumenti esebiti.

Ra' d-digriet tieghu tad-disgha (9) ta' Dicembru, elfejn u hmistax (09.12.2015) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum

Ikkonsidra

Illi l-konvenut naqas milli jikkontesta din it-talba. Fil-fatt huwa la prezenta risposta fiz-zmien li trid il-ligi u lanqas qatt deher quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talba. In-notifika tal-konvenut saret permezz tal-publikazzjoni u ta' l-affissjoni. L-estratt ta' dan l-

avviz gie ippublikat fil-gazzetta tal-gvern kif ukoll fil-gurnali 'L-Orizzont' u The Times of Malta. Saret ukoll l-affissjoni kif titlob il-ligi.

Illi dan it-Tribunal sema' lir-raprezentant tal-kumpanija attrici jikkonferma illi sa dik id-data l-kreditu intier kien ghadu dovut. Il-kreditu dovut huwa spejgat ukoll fir-rendikont esebit.

Illi t-Tribunal jidirlhu illi kemm fin-nuqqas ta' oppozizzjoni kif ukoll mil-kumpless tal-fatti u provi kif prodotti quddiemu, t-talba attrici tidher wahda gustifikata u timmerita li tigi akkolta.

Ghaldaqstant jaqta u jiddecidi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€295.96); bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz il-quddiem. Bl-ispejjez kollha kontra tal-konvenut.

**Kevin Mompalao**

**Gudikatur**

**D/Registratur**